*Fl-okkażjoni ta' għeluq il-35 sena mill-mewt ta'*

# Mro MIKIEL FARRUGIA (1898-1969)

Minn Grazio A. Grech

Fost il-mużiċisti Għawdxin li għamlu ġieħ u unur lil art twelidhom, billi għallmu u xerrdu l-kultura mużikali, insibu lis-surmast Mikiel Farrugia.

Is-surmast Mikiel Farrugia twieled il-Belt Victoria, Għawdex, nhar l-14 ta' Frar, 1898. Missieru kien jismu Salvu u ommu Karmena mwielda Debrincat. Hu żżewweġ lil Marija Vella f'Novembru, 1929, u kellhom disa' ulied.

Is-surmast Farrugia tħarreġ fl-arti mużikali taħt is-surmastijiet Ġużeppi Attard, Anton Micallef, S. Mallia, kif ukoll ta' Mro. Aurelio Doncich. Dan ta' l-aħħar kien surmast-direttur tal-banda 'King's Own' tal-Belt Valletta li magħha s-surmast Farrugia għamel xi żmien idoqq. Mro. M. Farrugia kien ukoll Assistent direttur tal-banda 'San Gejtanu' tal-Ħamrun, waqt li fl-1933, għal xi żmien, kien inħatar ukoll surmast direttur tal-banda 'Prekursur' tax-Xewkija.

F'Għawdex Mikiel Farrugia kien idoqq mal-banda 'La Stella' u tagħha kien kemm Assistant surmast kif ukoll, għal diversi snin, membru tal-kumitat. Billi Mro. Farrugia għamel xi żmien fl-armata hu kien ukoll idoqq mal-banda tal-militar.

Matul is-snin is-surmast Mikiel Farruġia għadda minn diversi mumenti sbieħ. Fis-snin għoxrin, bħala bandist tal-banda 'King's Own' esegwixxa b'abbilità kbira biċċa mużika fi programm u bħala rikonoxximent kien ingħata ċurkett bħala rigal. Mument sabiħ ieħor kien meta waqt programm mal-banda 'La Stella' ta' Għawdex esegwixxa bis-saxafon sopran, *'scherzo da concerto'* ta' Gatti nhar il-31 ta' Lulju, 1927.

Is-surmast Mikiel Farrugia kien ukoll vjolinista. Hu kien jifforma parti mill-mużika tal-Kappella tal-Katidral ta' Għawdex, kif ukoll f'dawk ta' Mro. Giuseppe Giardini Vella u Mro. Pawlu Lanzon. Minn rikors datat 27 ta' Settembru, 1920, nafu li s-surmast Farrugia talab lill-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex sabiex ma jibqax jissostitwixxi lill-kurunettista Ġużepp Grech fil-Mużika tal-Kappella tal-Katidral, iżda jsir membru effettiv. Madankollu Mro. M. Farrugia kellu wkoll orkestra li biha kien jieħu sehem f'diversi attivitajiet, u li għaliha kkompona għadd ta' valzi.

Is-surmast M. Farrugia ma waqafx hawn. Ġie deċiż li jgħallmu l-mużika lit-tfal ta' l-Istitut ta' l-Orfni 'San Ġużepp' f'Għajnsielem. L-għan ewlieni ta' dan kien, biex fost oħrajn, it-tfal li joħorġu mill-Istitut jekk igħarfu japprofittaw, jekk ikollhom ftit tagħlim ta' mużika, ikunu jistgħu jidħru fis-soċjetà b'wiċċhom minn quddiem u jkunu wkoll il-veri ċittadini onesti u bil-għaqal. Billi s-surmast Anton Muscat Azzopardi ma setax ikompli jħarreġ fil-mużika lit-tfal ta' dan l-Istitut, ippropona bħala s-sostitut tiegħu lis-surmast Mikiel Farrugia. Dan aċċetta din l-istedina u kellha tkun id-dedikazzjoni u l-ħeġġa tiegħu li wasslet sabiex il-banda 'San Ġużepp' ta' l-Istitut ta' l-Orfni tidher fil-pubbliku fis-sena 1931. Fil-5 ta' Lulju, 1931, fl-okkażjoni tat-tberik tal-qniepen tal-knisja ta' Savina, fil-Belt Victoria, il-banda 'San Ġużepp' ħarġet iddoqq għall-ewwel darba barra mir-raħal ta' Għajnsielem.

Wara s-suċċess li s-surmast Mikiel Farrugia għamel bit-twaqqif tal-banda 'San Ġużepp' ta' l-Istitut ta' l-Orfni, imwaqqaf f'Għawdex minn Mons. Ġużeppi De Piro fl-1925, fl-1934 il-moviment tal-Boys Scouts tax-Xagħra, Għawdex, iddeċieda li fi ħdanu jwaqqaf banda formali. Għal dan il-għan Ġużeppi Attard megħjun minn Mosè Galea avviċinaw lis-surmast Farrugia sabiex iħarreg lill-aljievi u jwaqqaf din il-banda. Intant il-banda tal-Boys Scouts, illum mgħammda bl-isem ta' 'Victory', kienet ħadet sehem għall-ewwel darba fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 1935. Tlett snin wara, din il-banda qasmet għal Malta u ħadet sehem fil-festa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, f'Awissu, 1938.

Is-surmast Mikiel Farrugia rtira minn mal-banda 'San Ġużepp' fis-sena 1946, waqt li kumment fil-ġurnal 'Il-Berqa' tal-5 ta' Ottubru, 1967, igħarrafna li kien sar magħruf li s-surmast Mikiel Farrugia rtira minn surmast-direttur tal-banda 'Victory'. Matul iż-żmien li s-surmast Farrugia dam surmast-direttur ta' dawn iż-żewg baned, dawn il-baned kibru u mxew 'il quddiem fl-arti mużikali u sena wara l-oħra kienu jieħdu sehem primarju fil-festi tar-raħal rispettiv tagħhom kif ukoll f'festi titulari oħra f'Għawdex u f'festi oħra ta' natura nazzjonali.

Is-surmast Mikiel Farrugia kkompona wkoll għadd ta' xogħlijiet mużikali. Fost dawn insibu mużika sagra, innijiet, marċi sinfoniċi, sinfoniji, *overtures*, intermezzi, valzi, marċi reliġjużi, funebri u brijużi, kif ukoll arranġamenti mill-opri għall-banda. Lista ta' xi xogħlijiet mużikali tiegħu qiegħda wkoll tiġi ppubblikata ma' din il-kontribuzzjoni.

Is-surmast M. Farrugia kien ukoll mastrudaxxa gwapp, tant li kien magħruf bħala l-mastrudaxxa tal-knejjes. Mill-professjoni mniżżla fl-att taż-żwieg naf li fl-1928 kien diġà jaħdem ta' mastrudaxxa. L-ewwel ħanut tiegħu kien sitwat fi Triq Karità, illum Triq Alfons M. Hili, u wara fi Triq id-Dejqa, fejn nafu jien.

Xogħlijiet artistiċi fl-injam minn tiegħu bħal korijiet, ventartali, ġelandri, bradelli, u xogħol ieħor fl-injam jinstabu mxerrda f'diversi knejjes f'Malta u Għawdex. Il-fatt li s-surmast Farrugia kien ukoll jiddesinja ma hix ħaġa kbira li xogħlijiet tiegħu ġew esegwiti fuq disinni tiegħu stess.

Insibu li l-injam tal-korijiet tal-Parroċċi tal-Fontana u Kerċem u t-tużell li kien jintrema fil-festi tal-Kwaranturi f'San Ġorġ illum jinstab f'Birżebbuġa, Malta huma xogħol tas-surmast Mikiel Farrugia. Xogħlijiet oħra minn tiegħu jinstabu f'diversi knejjes u parroċċi oħra, fosthom fin-Nadur, il-Munxar, f'San Ġorġ u fil-knejjes tal-Patrijiet kemm Franġiskani kif ukoll Agostinjani. Fix-Xagħra nsibu li s-surmast M. Farrugia ħadem il-pedistall li fuqu hemm l-istatwa ta' San Mikiel kif ukoll l-iskultura tal-pedistall tal-Bambina li jintrema kull sena fil-pjazza.

Fil-bidu ktibt li s-surmast Farrugia kellu disat'itfal. Fost dawn insibu li, Ġużeppi, Tarċisju, Ġorġ Koli u Pawlu, kienu għal bosta snin bandisti tal-banda Cittadina 'Leone', waqt li ġie li wkoll daqqew mal-banda 'Victory' tax-Xagħra. Oħthom, Ġina, kienet ukoll tgħallem il-koregrafija kemm fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika 'Leone' kif ukoll fiċ-Ċentru Parrokkjali tax-Xewkija, sew meta kien se jkun hemm żfin għall-karnival kif ukoll żfin għal xi attività teatrali bħal operetti u opri liriċi.

Is-surmast Mikiel Farrugia għamel ukoll xi żmien jaħdem mal-Gvern. Huwa miet fid-19 ta' Diċembru, 1969, u fil-funeral tiegħu ħadet sehem il-banda 'Victory' tax-Xagħra. Fis-sena 1997 ġiet imsemmija għalih triq fix-Xagħra.

## Lista ta' xi kompożizzjonijiet mużikali ta' Mro. M. Farrugia.

*Innu bis-sehem tal-Banda, Kor, Tenur, u Baritnu*
Lil Marija Bambina

*Inni Marċi*
Lil Marija Bambina
Lil Santa Margerita
Lil San Ġużepp

*Marċi Reliġjużi*
San Ġorġ
San Ġużepp
St. Michael

*Marċi Militari*
San Giorgio
Santa Marija

*Marċi Sinfoniċi*
Bianca e Rossa
San Ġorg
7th September
S. Pio. V
The Red, White and Blue
Marija Bambina
8th September, 1958

*Marċi Funebri*

*Sinfonji*
Santa Cecilia
Lina du Puo
Lina De Piro
Reconciliazione

*Intermezzi*
A Mons. E. Dandria
Our Commissioner

*Overtures*
Lord Baden Powell
Loyalty
H.M. Edward VIII

*Marċi Brijużi*
Volate la Salute
Jolly Jack
Illustrious
Victorious
Ghawdex
Korea

*Valz*
L'Orfanello

*Mużika Sagra*
Tantum Ergo
Domine Ad Adinvandum